MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 918/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Charles Spiteri (Id 2074M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin ewro u seba' u hamsin centezmu (€2,220.57) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilu a bazi ta' ftehim bejn il-partijiet. U minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2461/10, u bl-imghax legali mid-data ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u ghoxrin ewro u seba' u hamsin centezmu (€2,220.57) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------